# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI

## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 211 – Il-Tnejn 22 ta' Settembru, 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00pm

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

## PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut (ħareġ mil-laqgħa fis-7:35pm)
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 210 jkunu approvati bħala dokument korrett.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat.
Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

## PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

***Ground* tal-*Football***

Kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsillier Jesmond Tanti qalu li minkejja li kellhom kuntatt mad-diriġenti tas-Siġġiewi Football Club, xorta kien għad ma kellhomx talba formali tal-ammont finanzjarju u tad-dettalji tal-proġett.

## Monument Patri Ġużè Delia sj

Il-Viċi-Sindku qal li minħabba diversi diffikultajiet li nqalgħu mal-brunżar, wisq probabbli d-data tal-kxif tal-monument tiġi avvanzata għal nhar il-25 t'Ottubru, 2009.

Huwa kompla jgħid li beda x-xogħol ta' *embellishment* billi tlesta l-ħajt u l-pjan hu li l-pedestall jitpoġġa ġimgħa qabel l-inawgurazzjoni.

## Bankini

Is-Segretarju ippreżenta lista ta' talbiet għal tiswijiet ta' bankini kif mitlub fis-seduta preċedenti.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob stima tax-xogħlijiet kollha imsemmija f'din il-lista lill-kuntrattur.

Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-bankina ta' Maria Pace fi Triq San Nikola u ssuġġerixxa li l-Perit għandu jagħti parir jekk tistax issir skont it-talba mis-sinjura Pace.

Rigward il-bankina ta' quddiem l-iskola il-Viċi-Sindku qal li minħabba ċ-ċirkustanzi, din hija priorità u għandha ssir minnufih.

Il-Kunsillier Mark A. Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Urban Investment Fund

Is-Sindku qal li għandu jsir *audit* ta' bozoz li fadal fl-*urban conservation area* li potenzjalment jistgħu jiġu mibdula fis-sentejn u nofs li ġejjin.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## PA 7823/06 Construction of 17 *Dairy Cattle Farms and Manure Clamp* at Siggiewi

Il-Viċi-Sindku qal li matul il-ġimgħa ta' qabel is-seduta il-Kunsill Lokali Siġġiewi rċieva Project Description Statement dwar l-imsemmi proġett. Il-Viċi Sindku talab lill-bqija tal-membri tal-Kunsill sabiex jaqraw id-dokument li jinsab fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali u jressqu punti sabiex dawn jintbagħtu lill-MEPA sat-12 ta' Ottubru 2009.

## Ħruġ ta' tenders re tindif urban u ġbir ta' skart imħallat

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn iż-żewġ tenders ħarġu u kienu se jagħlqu nhar it-Tnejn 28 t'Ottubru, 2009.

## Diskussjoni dwar il-Festa ta' San Nikola 2009

Il-Viċi Sindku ppropona li minflok il-materja tkun diskussa waqt seduta uffiċjali tal-Kunsill, għandha ssir laqgħa informali bejn il-Kunsilliera dwar din il-materja. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li din il-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 1 ta' Ottubru 2009 fis-7.00 p.m. fis-sala tal-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni qasira l-membri preżenti qablu li din il-laqgħa għandha sservi sabiex jitħejja rapport li jservi bħala bażi għad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kunsill fix-xhur li ġejjin.

Is-Sindku ssekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

F'dan l-istadju il-Kunsillier Joseph Sammut ħareġ mis-seduta.

### Kompetizzjoni Premju għal-Lokalità l-aktar nadifa

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda rapport dwar diversi proġetti marbuta ma' dinil-materja u li ġew maqbula mis-sotto-kumitat magħmul mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Kunsillier Jesmond Tanti, il-Kunsillier Joseph Sammut u l-*Works Manager*.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jaddotta dawn il-proġetti.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### Il-Wirja tal-Inbid

Is-Sindku qal li peress li rigward il-finanzjament ta' din l-attività kien hemm xi diffikultajiet mal-Ministeru tal-Affarijiet Rurali, Il-Kunsill għandu jikkunsidra li jitlob l-għajnuna mingħand entitajiet oħra, fosthom il-*Malta Tourism Authority*.

### Ftuħ tal-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar ta' Sibt

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali fejn tispjega li l-proċedura hija li l-ewwel trid issir *internal call* lill-impjegati kollha tal-Kunsilli Lokali. Fil-kas li ma jkunx hemm applikazzjoni, l-ETC tibgħatilna lista ta' nies li rridu nintervistawhom.

### Bus shelters

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva biss stima waħda u għandhom time limit sal-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla. L-istima preżenti turi li kull bus shelter jiswa €4,000.00.

Is-Sinku issuġġerixxa li s-segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għandu jkun infurmat bl-eżitu tat-tweġibiet tal-Faces Ltd.

## FINANZI

### Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 5
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

# ILMENTI MILL-PUBBLIKU PREŻENTI

## Talbiet fi Triq il-Qiegħa u Triq San Ġakbu

Is-Sindku qal li fl-aħħar seduta kellna żewġ suġġerimenti dwar dħul u dħul minn garage, wieħed jirrigwardja Triq il-Qiegħa u l-ieħor jirrgwardja Triq San Ġakbu. Il-Kunsill kien qabel li hu m'għandux kompetenza biex jagħmel jew ibiddel sinjali tat-traffiku. L-unika entità li għandha l-poter tagħmel dawn is-sinjali hija l-ADT. Lil dawn iż-żewġ persuni aħna konna għednilhom li se nitolbu lill-ADT tistudja l-każ tagħhom. Aħna ktibna wkoll lil ADT jekk nistgħux nieħdu deċiżjoni temporanja sakemm l-ADT tkun tista' tieħu deċiżjoni finali.

F'dan l-istadju s-Segretarju Eżekuttiv qara t-tweġiba tal-Perit David Vassallo, kap tat-*Traffic Management Unit* tal-ADT: "B'riferenza għall-email tiegħek, nixtieq ninfurmak li ż-żewġ talbiet tiegħek huma parti mill-1,300 kas li l-unit tiegħi irċieva mill-bidu tas-sena, li minnhom ġew ipproċessati madwar 600. Finalment ngħarrfek li skont il-liġijiet ta' Malta kull sinjal jew tabella li jsiru mingħajr il-permessi meħtieġa tal-ADT huma illegali."

Is-Sindku qal li din l-ittra turi biċ-ċar li għandna nistennew l-eżitu tal-ADT.

F'dan l-istadju s-seduta ġiet sospiża biex jinstemgħu l-ilmenti tal-persuni preżenti.

## Sinjali Sofor fi Triq is-Salib

Il-Viċi Sindku ddikjara li għandu kunflitt ta' interess rigward din il-materja peress li huwa l-konsulent legali ta' familja li toqgħod fl-imsemmija triq u li ressqet talba lill-Kunsill u lill-ADT. F'dan l-istadju l-Viċi Sindku rtira mil-laqgħa tal-Kunsill. Meta tkompliet is-seduta, is-Segretarju qal li l-Perit qatt ma ġie lura dwar il-pjan komprensiv għal Triq is-Salib u Triq Santa Margerita.

Is-Sindku wiegħed li se jkellem lill-Perit tal-Kunsill dwar dan il-każ.

## Diffikultà fi Triq it-Tank

Diversi residenti ta' din it-triq ilmentaw mill-istat ħażin tat-triq. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, is-Sindku wiegħed li se jkellem lis-sid tal-proprjetà li dwarha hemm diffikultà u ċjoè lis-Sur Cutajar biex jara jsibx oġġezzjoni li jintefa' xi materjal biex ir-residenti jkunu jistgħu jgħaddu. Jekk it-tweġiba tkun fl-affermattiv, jkun ifisser li m'għandu jkun ebda diffikulta oħra biex tinsab soluzzjoni.

# KORRISPONDENZA

## Ittra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar il-pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar żewġ pagamenti li kienu approvati mill-Kunsill, li jirrigwardjaw l-attività għall-*farewell* lit-tfal tas-sitt sena tal-iskola primarja tas-Siġġiewi.

Huwa kompla jgħid li din l-attività ilha ssir għal diversi snin konsekuttivi bl-istess mod kif saret din is-sena. Id-Dipartiment qed jesiġi li kull attività qabel issir trid titressaq u tiġi approvata mill-Kunsill. Dan ifisser li l-ebda sotto-kumitat ma jista' jorganizza attività qabel din tkun approvata mill-Kunsill.

Id-Dipartiment qed jgħid li bħala Kunsill ma nistgħux nieħdu lit-tfal għal refreshments u jħallas il-Kunsill. Dan għax mhuwiex skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali. Qed jesiġi wkoll li nirkupraw lura l-ammont ta' €329 marbuta mal-aħħar farewell party.

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna nwieġbu lid-Dipartiment u ngħidu li huwa prattikament impossibli li nirkupraw lura dawn il-flus mingħand tfal ta' bejn 9 u 10 snin u se niżguraw li fil-futur din il-prattika ma tirrepetix ruħha.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda bil-Kunsill jaqbel b'mod unanimu.

# TENDERS

## Kuntratt tal-Perit

Is-Segretarju Eżekuttiv qal l-kuntratt tal-Perit kien wasal biex tgħaddi t-tieni sena tiegħu u għalhekk kien hem mil-ħtieġa li jew jiġġedded jew joħroġ kuntratt ġdid.

Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill iġedded il-kuntratt tal-Perit. Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jiktiblu ittra u jinfurmah li l-Kunsill lest li jġedded il-kuntratt bil-kundizzjoni li jaċċetta li jkun preżenti kull ġimgħatejn għal ħin stipulat mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsillier Mark Vassallo ssekonda bil-Kunsill jaqbel b'mod unanimu.

## Kuntratt tas-Supervisor of Works

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt jagħlaq fl-aħħar ta' Novembru, 2009.
Is-Sindku ippropona li għandna nippublikaw dan it-tender.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Supply of Concrete

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kiuntratt kien se jagħlaq ukoll.
Is-Sindku ippropona li għandna nippublikaw dan it-tender.
Il-Kunsillier Nikol Cassar issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## Supply, delivery and installation of a grid connected Phtovoltaic System – LCS 04/09.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda r-rapport tal-aġġudikazzjoni mħejji mill-Engineer Emanuel Briffa.
Dan jirrakkomanda li t-tender offruta minn Pantalesco Ltd., hija l-aktar waħda vantaġġjuża.
Is-Sindku ippropona li għandna naċċettaw dan ir-rapport tal-aġġudikazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# ĦWEJJEĠ OĦRA

## Il-kollezzjoni tal-iskart imħallat

Mill-1 t'Ottubru se ssir riforma dwar kif il-Kunsilli jħallsu għall-użu tal-landfill tal-Għallis. Sa issa, il-Gvern kien jgħaddi direttament il-flus lill-Wasteserv. Mill-1 t'Ottubru, kull kunsill se jingħata kwota ta' tunnellati ta' skart. Għal kull tunnellata l-Gvern joffri lill-Kunsill is-somma ta' €20. Kull xahar aħna nirċievu kont mingħand il-Wasterv ta' kemm-il tunnellata ta' skarti imħallat inkun bagħatna fil-landfill tal-Għallis. Jekk aħna ma nilħqux dik il-kwota, inżommu d-differenza tal-flus, madankollu jekk naqbżu l-kwota aħna nħallsu €20 kull tunnellata żejda. Dan ifisser li aktar mar-residenti jissepraw l-iskart u jnaqqsu mill-ammont ta' skart imħallat, aktar jaqbel lill-Kunsill.

Huwa kompla jgħid li bħala Kunsill konna irċevejna proposta mill-kumpanija GREEN MT biex din timmaniġġja l-iskart irriċiklat. Fost il-proposti tagħha hija qed toffri li jiżdiedu l-bring-in site, b'qjies iżgħar.

Diversi kunsillieri esprimew id-diffikultajiet marbuta ma' din il-proposta.
Il-Viċi-Sindku ippropona li sa seduta oħra nidentifikaw xi postijiet fejn nistgħu inżidu l-bring-in sites.

## Plots vojta

Il-Viċi-Sindku qal li kien irċieva diversi ilmenti rigward plots vojta, partikolarment dik ta' Triq San Ġwann. Huwa kompla jgħid li jidher li l-uniku soluzzjoni li hemm hija li jinbena l-*boundary wall*. Huwa qal li jinsab infurmat li fil-preżent jeżistu xi diffikultajiet sabiex ikunu jistgħu jinbnew dawn il-*boundary walls*. Hu qal li se jkompli jiċċekkja jekk il-Kunsill jistax jibni dawn il-*boundary walls*.

## Ittra dwar ħaddiem tal-IPSl

Il-Viċi-Sindku qal li fis-17 t'Awwissu 2009 kien irċieva ittra d-dar dwar Ġużeppi Ciappara, li huwa ħaddiem tal-IPSL assenjat mal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li l-ittra li rċieva mhijiex anonoma peress li hemm imniżżel fiha isem u kunjom. Il-Viċi Sindku spjega li l-ittra ma fiha ebda indirizz tal-persuna li ffirmat l-ittra. Il-Viċi Sindku stqarr li fil-fehma tiegħu l-imsemmija ittra mhijiex għal kollox ġenwina. Il-Viċi Sindku qal li hu kien għamel il-verifiki neċessarji u kkonkluda li l-ebda waħda mill-allegazzjonijiet magħmula fl-ittra ma kienu vera. Il-Viċi Sindku qal li jħoss l-obbligu li jinforma lill-Kunsill b'din l-ittra peress li jemmen li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom ikunu trattati b'rispett u l-istess Kunsill għandu jiżgura li ħadt ma jinqeda bl-istess ħaddiema sabiex ixekkel il-ħidma tal-Kunsill.

## Deċiżjoni mill-Kummissajru tad-Data

Il-Viċi-Sindku qal li kien irċieva d-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar il-Protezzjoni tad-*Data* dwar l-ilment imressaq fil-konfront tiegħu u tal-Kunsillier Mark Vassallo mill-Kunsillier Nicholas Cassar. Huwa poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tad-deċiżjoni.

Il-Viċi Sindku qara parti ewlenija mid-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u spjega li jirriżulta li il-movimenti tal-*files* fid-Dipartiment tal-Artijiet sar skont proċeduri normali mħaddma mid-Dipartiment tal-Artijiet u ma jirriżultax li kien hemm aċċess illeġittmu għall-*file.*

l-Viċi Sindku qal li l-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data ikkonkluda li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data minnu jew mill-Kunsillier Mark Vassallo.

Il-Viċi-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill żewġ stqarrijiet għall-istampa, waħda maħruġa minnu u mill-Kunsillier Mark Vassallo b'reazzjoni għal din id-deċiżjoni u oħra maħruġa minnu

biss b'reazzjoni għal stqarrija maħruġa mill-Partit Laburista. Il-Viċi Sindku qal li kien għadu qiegħed jistenna li l-Kunsillier Nicholas Cassar jiskuża ruħu dwar l-allegazzjonijiet infondati li għamel fil-konfront tiegħu u tal-Kunsillier Mark Vassallo personalment.

### Korsijiet dwar l-Illiteriżmu

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu ħarġu l-applikazzjonijiet għall-korsijiet li jiġu organizzati flimkien mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni għal tagħlim fl-Ingliż u Malti.

### Attività għall-familja

Il-Kunsilliera Rita Psaila ipproponiet li ssir attività f'Ottubru fejn issir żjara lill-MDP u li jsiru korsijiet ta' crafts.
Il-Kunsillier Nikol Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### Pitch tal-Basketball

Il-Kunsillier Jesmond Tanti ikkumenta dwar l-istat diżastruż li jinsab fih il-pitch tal-Basketball.
Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv jikteb lill-President tas-Siggiewi Football Club biex naraw jekk humiex interessati li jirrilaxxawh.

### Zebra Crossing ħdejn il-Bandli fi Triq Dr Nikola Zammit

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li jinħtieġu li ssir zebra crossing f'din l-area. Is-Sindku qal li għandna niktbu lill-ADT.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku ddikjara din is-seduta bħala magħluqa fl-10.00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **il-Ħamis 8 t'Ottubru, 2009.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| Il-Perit Robert Musumeci | Nikol Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati llum il-Ħamis, 8 t'Ottubru, 2009